MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2018

Rikors Maħluf Numru 80/15LM

**Ian Pellicano (karta ta' identità numru 61268M) u martu Dorianne Pellicano (karta ta' identità numru 360269M)**

***vs.***

**Joe Bonnici eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "GRF Design Concepts"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat minn **Ian Pellicano** u martu **Dorianne Pellicano** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), fid-29 ta' Jannar, 2015, maħluf minn Ian Pellicano, li jgħid kif ġej:

1. *Illi b'kuntratt ta' appalt bejn il-kontendenti r-rikorrenti kienu inkarigaw lill-intimat, li aċċetta u obbliga ruħu, sabiex jagħmel fil-ġnien tad-dar ta' residenza*

*tagħhom 123, Main Street, Ħaż-Żebbuġ decking fuq l-art u pannelli tal-istess decking mal-ħitan, skirting u xogħlijiet oħra relattivi għall-istess, kif ukoll xogħlijiet oħra madwar is-swimming pool u dan skont disinji magħmula mid-designer Stefania Schembri u forniti lilu mir-rikorrenti, u dan bil-prezz patwit ta' €15,639.39 (ara Dok. A[1]);*

2. *Illi, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u kif jidher ukoll mir-rapport tal-perit Elena Borg Costanzi (kopja ta' liema hija hawn annessa bħala Dok. B[2]), ix-xogħlijiet magħmula mill-intimat huma difettużi, m'humiex skont is-sengħa u l-arti, kif ukoll mhux tal-kwalità pattwita u ma għandhom ebda utilità għar-rikorrenti u iridu jinbidlu u jsiru mill-ġdid;*

3. *Illi kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża ir-rikorrenti kellhom raġuni valida biex iħollu l-kuntratt ta' appalt;*

4. *Illi r-rikorrenti kienu ġjà ħallsu lill-intimat €12,000[3] akkont tal-prezz;*

5. *Illi, wara ittra bonarja tal-1 ta' Ottubru, 2014, b'ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru, 2014 ir-rikorrenti itterminaw ossia ħallew l-appalt minħabba li kellhom raġuni valida biex iħollu l-appalt, u filwaqt li żammew lill-intimat responsabbli għad-danni kollha li sofrew u setgħu isofru, interpellawh sabiex jirrifondi s-somma ta' €12,000 li huma kienu ħallsu akkont tal-prezz tal-appalt.*

6. *Illi r-rikorrenti sejrin isofru u sofrew danni minħabba li huma sejrin ikollhom jinkarigaw terzi biex jagħmlu mill-ġdid ix-xogħlijiet li kienu kkuntrattaw mal-intimat;*

7. *Illi ir-rikorrenti Ian Pellicano jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett, previa id-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija:*

1. *Tiddikjara illi x-xogħlijiet magħmula mill-intimat fid-dar tar-rikorrenti huma difettużi, m'humiex skont is-sengħa u l-arti, kif ukoll mhux tal-kwalità pattwita u ma għandhom ebda utilità għar-rikorrenti u iridu jinbidlu u jsiru mill-ġdid;*

[1] *A fol.* 5.
[2] *A fol.* 6.
[3] Kif korretta b'digriet tad-9 ta' Marzu, 2015.

2. *Tiddikjara illi r-rikorrenti kellhom raġuni valida biex jitterminaw il-kuntratt ta' appalt bejhom u l-intimat kif fil-fatt għamlu permezz tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru, 2014;*

3. *Tiddikjara, jekk hemm bżonn, illi l-imsemmi kuntratt ta' appalt hu maħlul;*

4. *Tiddikjara illi l-intimat ma għandux dritt iżomm is-somma ta' €12,000 li r-rikorrenti ħallsu akkont tal-prezz tal-appalt;*

5. *Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli għad-danni kollha li r-rikorrenti sofrew u sejrin isofru minħabba l-ħtija tal-intimat fosthom danni minħabba li r-rikorrenti ser jkollhom jinkarigaw terzi biex jagħmlu x-xogħlijiet li kienu oġġett tal-appalt mal-intimat;*

6. *Tillikwida d-danni li sofrew jew sejrin isofru ir-rikorrenti li għalihom l-intimat huwa responsabbli;*

7. *Tikkundanna lill-intimat jirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' €12,000 li r-rikorrenti ħallsu lill-intimat u li l-intimat m'għandux dritt iżomm, kif ukoll id-danni li għalihom l-intimat huwa responsabbli u li huma likwidati skont it-talba numru 5.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra bonarja tal-1 ta' Ottubru, 2014 u tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru, 2014.*

*L-intimat huwa nġunt biex jidher għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Joe Bonnici** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Marzu, 2015 u maħlufa minnu, li biha eċċepixxa:

1. *Illi ix-xogħlijiet kollha li saru mill-esponenti saru taħt is-sorveljanza tad-designer appuntata mill-istess atturi u li aġixxiet fl-interess tagħhom u li kienet hi stess li approvat dawn ix-xogħlijiet bħala li kienu aċċettabbli tant illi fuq il-perijodu tista' tgħid kollu, li kienu qegħdin jitwettqu dawn ix-xogħlijiet miftehma fl-appalt l-atturi għamlu żewġ pagamenti akkont għal total ta' €11,000 ħlas dan li żgur ma kienx isir li kieku, kif qed jallegaw l-atturi x-xogħlijiet mwettqa kienu "difettużi,*

*mhux skont is-sena u l-arti kif ukoll mhux tal-kwalità pattwita u m'għandhom l-ebda utilità għar-rikorrenti u jridu jinbidlu u jsiru mill-ġdid". Għandu jingħad illi x-xogħlijiet kollha li twettqu sal-lum, twettqu filwaqt li l-atturi kienu qegħdin jgħixu fid-dar illi fil-ġnien tagħha kienu qed isiru dawn ix-xogħlijiet u allura kienu qed jaraw b'għajnejhom il-progress ġurnata b'ġurnata u kieku x-xogħol, kif qed jiġi allegat kien qed isir ħazin ċertament kienu jiftħu ħalqhom qabel ma x-xogħlijiet kienu prattikament kompluti. Għandu jingħad ukoll illi t-tieni pagament akkont fis-somma ta' €5,000 kien tħallas mill-atturi lill-intimat meta x-xogħlijiet kienu prattikament tlestew.*

2. *Illi għaldaqstant l-atturi ma' kellhom ebda dritt jew raġuni valida biex iħollu l-kuntratt tal-appalt kif lanqas għandhom xi dritt li jitolbu r-rifużjoni tas-somma ta' €11,000 sal-lum mħallsa akkont tal-prezz, anzi għall-kuntrarju huma l-atturi li huma debituri tal-esponenti fis-somma bilanċjali tal-ammont miftiehem fuq l-appalt u ċjoè s-somma ta' iżjed minn €5,000 billi l-prezz totali miftiehem għall-appalt kien ta' iżjed minn €11,000.*
3. *Illi minn issa l-eċċipjenti qed jirriżerva d-dritt illi jmexxi kontra l-atturi għad-differenza msemmija.*
4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-atturi żammew u gawdew kif għadhom iżommu u jgawdu x-xogħlijiet kollha magħmula mill-eċċipjenti fuq il-proprjetà tagħhom u għalhekk ma jistgħux jippretendu li dawn ix-xogħlijiet saru b'xejn jew li ma kellhomx valur skont il-prinċipju tal-indebiti solutio.*
5. *Illi fl-aħħarnett u mingħajr preġudizzju għal fuq espost l-esponenti kien dejjem lest kif għadu illi jaġevola lill-atturi fejn dawn qed jippretendu li jissewwew parti mix-xogħlijiet kompletati anki jekk dawn huma objettivament aċċettabbli però l-atturi webbsu rashom u minflok inizjaw dawn il-proċeduri.*
6. *Salv kull eċċezzjoni ulterjuri.*

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu, 2015 fejn il-perit Edgar Caruana Montalto ġie maħtur bħala Perit Tekniku sabiex jikkonstata l-fatti relattivi għax-xogħlijiet li l-konvenut għamel, jirrapporta jekk dawn kinux difettużi jew jekk kinux skont is-sengħa u l-arti, kif ukoll jekk kinux tal-kwalità pattwita.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Edgar Caruana Montalto[4], in-nota bid-domandi in eskussjoni tal-konvenut[5] u n-nota bid-domandi in eskussjoni tal-atturi[6] u r-risposti tal-Perit Tekniku kemm *viva voce* u kemm bil-miktub.[7]

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet u rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-partijiet quddiem il-Perit Tekniku.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## <u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>

Permezz ta' kuntratt ta' appalt l-atturi kienu inkarigaw lill-konvenut li aċċetta u obbliga ruħu sabiex fil-ġnien tad-dar residenza tal-atturi 123, Main Street, Ħaż-Żebbuġ jagħmel *decking* madwar is-*swimming pool* u *cladding* tal-istess materjal mal-ħitan tal-madwar. Dawn ix-xogħlijiet

---

[4] *A fol.* 78 sa 256.
[5] *A fol.* 258 sa 262.
[6] *A fol.* 267 sa 268.
[7] *A fol.* 271 sa 273 eskussjoni tal-perit mill-atturi u *a fol.* 274 sa 276 risposti bil-miktub tal-perit għad-domandi tal-konvenut.

kellhom isiru skont disinji ta' Stefania Schembri, id-*designer* tal-atturi. L-atturi qed jallegaw li x-xogħol tal-konvenut kien difettuż, mhux skont is-sengħa u l-arti u mhux tal-kwalità pattwita u qed jitolbu rifużjoni ta' €12,000 li huma ħallsu akkont tal-prezz miftiehem u qegħdin jitolbu wkoll il-ħlas ta' danni li sofrew jew sejrin isofru minħabba l-ħtija tal-konvenut, fosthom danni għax l-atturi ser ikollhom jinkarigaw lill-appaltatur ieħor biex jagħmel x-xogħlijiet li kienu oġġett tal-appalt mal-konvenut.

Min-naħa tiegħu l-konvenut jikkontendi li x-xogħlijiet inkwistjoni saru sew, tant li kienu approvati mid-*designer* tal-atturi u mwettqa fil-preżenza kontinwa tal-imsemmija *designer* u tal-atturi nfushom. Il-konvenut jgħid ukoll li ma jistgħux l-atturi jgawdu mix-xogħlijiet tiegħu u jippretendu li ma jħallsu xejn, apparti wkoll li hu kien dejjem dispost li jirranġa xi xogħlijiet li ma għoġbux lill-atturi għalkemm isostni li oġġettivament ix-xogħlijiet kienu aċċettabbli.

## <u>Provi u riżultanzi</u>

Fl-affidavit tiegħu, l-attur, **Ian Pellicano**[8], jgħid li hu u martu kienu inkarigaw lill-*interior designer* Stefania Schembri biex tagħmlilhom disinn ta' *decking* fil-ġnien/*pool area* tad-dar tagħhom u *cladding* mal-ħitan. Sussegwentement l-atturi kienu inkarigaw lill-konvenut li assigurahom li hu wieħed mill-aħjar appaltaturi fis-suq. L-atturi taw lill-konvenut id-disinji *to scale* tad-*designer* tagħhom, u dan kien talabhom €6,000 depożitu biex

[8] *A fol.* 35 u 36.

jibbukkja l-materjal.[9] Pellicano jgħid li fis-17 ta' Ġunju, 2014 l-atturi flimkien mad-*designer* tagħhom kienu ltaqgħu fuq il-post u sussegwentement il-konvenut bagħtilhom stima ta' €15,639.39.[10] Il-konvenut kien qalilhom li x-xogħol kellu jieħu ġimagħtejn, però fir-realtà kien dam max-xahrejn. L-attur jgħid li d-*designer* tagħhom kienet ta' spiss tittawwal biex tara x-xogħol kif kien ġej u kemm hi kif ukoll l-atturi lmentaw diversi drabi mal-konvenut rigward xogħol li ma kienx ġej sew u ġegħluh jaqla' x-xogħol diversi drabi. Imma x-xogħol baqa' jsir ħażin u għall-atturi dan ma kienx aċċettabbli. L-attur jgħid li meta l-konvenut talabhom pagament ieħor akkont[11] huma kienu ħallsuh għalkemm kontra qalbhom u dan biex ma jispiċċawx b'xogħol inkomplut, għad illi ix-xogħol finali xorta ma ġiex tajjeb. L-attur jgħid illi wara dan l-aħħar pagament, kemm huma kif ukoll id-*designer,* setgħu jikkonstataw illi ħafna mix-xogħol kien sar ħażin. Filwaqt li għall-bidu l-konvenut kien qalilhom li kienu qegħdin ifettqu fuq ix-xejn, wara kien qalilhom li kien ser jirranġa xi affarijiet li deherlu li għandhom jittranġaw u l-atturi kienu wieġbuh li dan ma kienx aċċettabbli għalihom għax ix-xogħol kien kważi kollu ħażin. Fis-6 ta' Settembru, 2014 il-konvenut bagħat *email* lill-atturi fejn elenka l-affarijiet li kien lest li jirranġa. Però l-attur jgħid li dan ma kienx aċċettabbli għalihom u kienu bagħtulu ittra bonarja[12], imma l-konvenut injora din l-ittra. Kien għalhekk li l-atturi inkarigaw lil perit Elena Borg Costanzi biex tagħmlilhom rapport dwar ix-xogħlijiet li kien għamel il-konvenut[13] u fil-21 ta' Novembru, 2014[14] l-atturi bagħtu ittra uffiċjali lill-konvenut fejn interpellawh li kienu qegħdin jitterminaw l-kuntratt tal-

---

[9] *A fol.* 37 - kopja ta' ċekk datat 03.06.2014 fis-somma ta' €6,000 maħruġ minn Ian Pellicano favur Joe Bonnici.
[10] *A fol.* 5.
[11] *A fol.* 38 – kopja ta' ċekk datat 03.08.2014 fis-somma ta' €6,000 maħruġ minn Dorianne Pellicano favur Joe Bonnici.
[12] *A fol.* 39, datata 01.10.2014, fejn l-atturi interpellaw lill-konvenut sabiex fi żmien ġimgħa jlesti ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti u skont il-kwalità miftiehma u li fin-nuqqas kienu kostretti li jipproċedu ulterjorjment kontrih.
[13] *A fol.* 6 sa 8, b'ritratti tax-xogħol ħażin *a fol.* 9 sa 15A.
[14] *A fol.* 220.

appalt b'effett immedjat minħabba xogħol ħażin, mhux skont is-sengħa u l-arti u mhux kif kien pattwit u talbuh ukoll ir-rifużjoni tad-depożitu li kienu ħallsuh u żammewh responsabbli għad-danni. L-attur jgħid li llum jirriżultalu li x-xogħol tal-konvenut kien kollu ħażin u jrid jinqala' u jinbidel u l-atturi ġabu stima ta' kuntrattur ieħor u skont il-perit Elena Borg Costanzi l-istima ta' dan il-kuntrattur hi waħda raġonevoli.[15] L-attur jgħid li sal-lum minħabba l-periklu tax-xogħol li ħallielhom il-konvenut, huma lanqas biss jistgħu jużaw il-ġnien. L-attur Ian Pellicano esebixxa quddiem il-Perit Legali pjanti tax-xogħol u ritratti tax-xogħol li ttieħdu f'Mejju 2015[16] fejn immarka bil-kulur aħmar il-*finishings* li ġew ħżiena.

L-attriċi **Dorianne Pellicano**[17] fl-affidavit tagħha tgħid illi meta kien beda ix-xogħol f'Lulju,2014, iż-żewġ ħaddiema li l-konvenut kellu fuq is-sit kienu jġorru li huma kellhom biss esperjenza f'xogħol ta' *parquet* u li qatt ma kienu ħadmu fuq dan it-tip ta' xogħol. L-attriċi tgħid illi peress li hi kienet tkun preżenti, kienet ta' spiss iġġiegħel lill-ħaddiema jaqilgħu u jbiddlu xogħol li kien jidher li kien sar ħażin. L-attriċi rrakkontat inċident li seħħ wara li kienu ħallsu it-tieni pagament ta' €6,000, meta d-*designer* kienet ilmentat fuq il-kwalità tax-xogħol u wieħed mill-ħaddiema ammetta li kien ġej ħażin, però qal li ma kienx tort tiegħu għax huma qatt ma kienu ħadmu b'dan il-materjal u saħansitra ċempel lill-konvenut u quddiemhom semgħuh jgħidlu li kien ser jitlaq jekk iżommu jaħdem fuq dan id-*decking.* Dan il-ħaddiem xorta tfaċċa xi ftit ġranet wara u qalilhom li kien ser jagħmel ħiltu biex ilestilhom ix-xogħol. L-attriċi tgħid ukoll li fil-*meeting* li kellhom mal-

[15] *A fol.* 40 l-istima ta' Brands International fis-somma ta' €19,446.48 datata 30.01.2015 li kienet tinkludi €320 għar-*"removal and carting away of existing decking/cladding/metal strips/doors in cladding."*
[16] *A fol.* 152 sa 178.
[17] *A fol.* 149 u 150.

konvenut fil-bidu ta' Settembru, kien qalilhom li d-disinn ma kienx faċli li twettqu imma l-attriċi tisħaq li l-konvenut kien jaf għalxiex kien dieħel bħala xogħol.

In kontroeżami[18] Dorianne Pellicano tikkonferma li kienet taf bl-*email a fol.* 218 tal-proċess li magħha kien hemm annessa l-istima li l-konvenut kien bagħat lid-*designer* tagħhom qabel ma beda x-xogħol. L-attriċi tgħid li l-konvenut kien tahom skont ta' 25% fuq il-prezz tal-materjal għax kien qalilhom li dan kien materjal ġdid u kien qed joffri *promotional discount* fuqu. L-attriċi tgħid li huma kien għażlu lill-konvenut minħabba li l-kulur tal-materjal tiegħu kien għoġobhom aktar. L-attriċi tgħid li sa dakinhar ma kinux jafu li l-konvenut ma kellu ebda esperjenza fuq dan it-tip ta' xogħol. L-attriċi tgħid li l-ħaddiema tal-konvenut ma kinux jafu jaħdmu fuq dan ix-xogħol, tant li l-konvenut kien joqgħod jispjegalhom kif jaqtgħuh. L-attriċi tgħid li l-konvenut kien saħansitra keċċa wieħed mill-ħaddiema tiegħu. L-attriċi tgħid li l-konvenut kien qalilhom li l-materjal li qed juża kien prodott tajjeb ħafna. L-attriċi meta ġiet ikkonfrontata bix-xhieda tad-*designer* tal-atturi, li xehdet li lill-atturi kienet qaltilhom li ma setgħetx tirrakomanda lill-konvenut għax qatt ma kienet ħadmet miegħu u setgħet biss tirrikomanda nies li ħadmet magħhom, l-attiċi tgħid li peress li l-konvenut kien aċċertahom bil-kwalità tajba tax-xogħol tiegħu u li seta' jlestilhom f'ġimagħtejn, huma kienu għażlu lill-konvenut. L-attriċi tgħid ukoll li meta l-konvenut kien mar ikejjel l-ewwel darba mal-lavrant tiegħu, dan il-ħaddiem kien qal lill-konvenut li kien hemm wisq xogħol biex ilestu f'ġimagħtejn, iżda l-konvenut baqa' jaċċertahom li f'ġimagħtejn kien se jlesti. L-attriċi tgħid illi

[18] *A fol.* 128 sa 143.

l-bibien li kellhom isiru minn *galvanised hollow sections* u wara jiġu *cladded,* ma kinux inklużi fl-istima tal-konvenut. B'riferiment għall-*email a fol.* 218, fejn l-konvenut kien spjega li l-livellar tal-*cladding* mal-ħajt kellu jsir "*by using adjustable galvanized steel clips 'U' fixed from wall to furrings. The gap above will be sealed by using Evotimber skirting",* l-attriċi tgħid illi għad li l-konvenut kien spjegalhom dan, ma kienx qalilhom li x-xogħol ma kienx ġej dritt jew li hu ma kienx jaf jagħmlu dritt. L-attriċi tgħid li x-xogħol kellu jiġi skont id-disinn li huma kienu taw lill-konvenut. L-attriċi tgħid li d-*designer* ma kinitx qaltilhom li dik l-istruttura ma kinitx tajba għall-piż li hemm, imma li l-kawża tax-xogħol difettuż kien il-mod kif l-istruttura ġiet installata. Kien biss meta x-xogħol ma bediex isir sew mill-konvenut li Stefania Schembri bdiet turi ċerti dubji u bdiet tilmenta dwar il-kwalità tax-xogħol. L-attriċi tgħid li d-*designer* tagħhom kienet qalet lill-konvenut jagħmel struttura tal-ħadid adegwata għall-ħajt u tikkonferma li hekk kellu jsir mill-konvenut.

Dorianne Pellicano tgħid illi meta ħallsu t-tieni ċekk lill-konvenut, ix-xogħol kien tliet kwarti minnu lest. Peress li l-konvenut l-ewwel beda bil-*cladding* tal-ħajt, dan kien kważi lest ħlief għall-bibien biex imbagħad jingħalaq u l-konvenut kien diġà beda l-art. L-attriċi tgħid li minkejja li x-xogħol tal-konvenut ma kienx għoġobhom, huma kienu ħallsuh it-tieni ċekk għax rieduh ilesti għax kien ilu sajf sħiħ għaddej fuqu u baqgħu jittamaw li kien ser jirranġah. L-attriċi tgħid li s-*swimming pool* kienu mlewha għall-ħabta ta' Awwissu, Settembru. L-attriċi tgħid li l-konvenut kien offra li jbiddel xi affarijiet però ma riedx ibiddel ix-xogħlijiet kollha li ma kinux saru sew minnu. Mistoqsija x'kien hemm aktar x'jitranġa apparti dak li l-konvenut indika li ser jirranġa skont l-*email a fol.* 201 u 202 tal-proċess, l-attriċi

ssemmi li kien hemm ħafna aktar xogħlijiet x'jittranġaw bħad-dawra tal-*pool* fejn id-*decking* ma ġiex tond, ix-xogħol fejn ix-*shower* li kien 'diżastru', il-*gap* fin-naħa t'isfel tal-bieb, il-ħames twieqi kollha mgħawġin u bil-kolla ħierġa, il-*cladding* tal-ħajt li mit-terrazzin tinduna li kien kollu mgħawweġ, u dawn biss bħala eżempju. L-attriċi tgħid li minn dak kollu li qaltlilhom id-*designer* tagħhom li kien xogħol difettuż, il-konvenut kien qal li kien ser jirranġa biss xi sitt jew tmien affarijiet indikati fl-imsemmija l-*email*. L-attriċi tgħid li x-xogħlijiet kellhom isiru kif suppost mill-bidu u mhux jittranġaw b'xi mod wara. Ix-xogħlijiet kif saru mill-konvenut kienu wkoll estetikament differenti mid-disinn li huma kienu tawh. Meta l-konvenut bagħat lill-atturi l-*email* tal-5 ta' Settembru, 2014 bit-tmin *items,* huma ma rrispondewhx għax kienu jafu li mhux ser jaslu miegħu. L-atturi ma ridux li l-konvenut ikompli jaħdem bl-istess ħaddiema li kellu għax ma kinux kapaċi. L-attriċi tgħid li lill-konvenut kienu qalulu li kellu jirranġa kollox, inkella kienu ser jispiċċaw il-Qorti. L-attriċi tgħid li meta l-partijiet kienu ltaqgħu qabel l-imsemmija *email,* il-konvenut kien jinsisti li x-xogħlijiet kienu saru sew minnu. L-attriċi tgħid li meta l-konvenut kien qalilhom li kien lest biss jirranġa ftit mill-affarijiet li kienu saru ħażin, l-atturi ddeċidew li dan ma kienx aċċettabbli aktar għalihom.

Xehdet ukoll **il-perit Elena Borg Costanzi**[19] li kkonfermat li għamlet aċċess fuq il-post fis-27 ta' Ottubru, 2014 fuq inkarigu tal-atturi. Ikkonfermat ir-rapport tagħha *a fol.* 6 sa 8 tal-proċess u li r-ritratti tax-xogħol ħażin *a fol.* 9 sa 15A tal-proċess kienu ttieħdu minnha. Fir-rapport tagħha il-perit Elena Borg Costanzi tirrimarka:

---

[19] *A fol.* 45 u 46.

*"... it was clear that GRF did not cater for the weight of the said Evotimber panels and the rough and uneven surface of the existing garden walls. The support system that was used is the same that is used for gypsum board which is a completely different material with different wieght, performance, function and deflection.*
*In fact, the said support system is not even strong enought for the self weight of the panels, let alone the accumulated weight and the effect of windloading and expansion.*

*This, added to the fact that the walls are not straight and plumb and therefore much allowance must be taken for alignment and extra length for screws in order to achieve the best grasp, adhesion and stability possible. Panels closing off the frames were completely detached from the rest of the structure, in fact. The walls themselves are structurally sound and can sustain the weight of the chosen cladding and a suitable support system. It is the support system used in this occasion that needed the specifications to be able to trasfer the load of the decking to the said walls.*

*This was obviously not catered for and the said system proved to be totally inadequate for the chosen decking.*

*No allowance was made for the sealing of the decking from the top profile, from the edges of the feature windows, from the access door or for rows of panels next to one another.*

*Excessive gaps between the panels in both horizontal and vertical planes are present throughout the walls and floor, whilst the cutting of the profiles when placed adjacent to existing building components such as walls or windows was done in a haphazard manner resulting in very poor details. Holes and screws are also evident in places.*

*This occurs throughout the outdoor area."*

Il-perit Elena Borg Costanzi tikkonkludi li:

*"In the light of all this, and given that GRF was fully aware of the design intent and of the conditions on site, I see no other solution to rectifying the problem than to remove all of the wall cladding and the support steel frame and have it completely replaced by a system that is strong enough to hold the cladding in place and in itself be a plumb*

> *plane to house suck cladding. That is the only way that the marriage between the decking panels will occur with acceptable tolerances.*
>
> *The floor decking need to be removed and reinstated in all the areas where the panels are short from the surface they should meet. There are also misaligned panels and depressed panels that need to be replaced."*

Il-perit Elena Borg Costanzi tgħid ukoll[20] li ma kienx il-każ li l-kuntrattur jirranġa biss fuq l-post u jissilja, imma kien hemm bżonn li l-konvenut iħott kollox u li x-xogħol isir mill-ġdid, partikolarment il-*cladding* tal-ħajt. Għalkemm fl-ewwel aċċess li kienet għamlet il-*flooring* ma kienx daqshekk ħażin, ix-xhud tgħid li meta marret wara li kienet lestiet ir-rapport tagħha f'Ottubru 2014, minħabba x-xita kien hemm aktar *warping* tal-panels u rriżulta li l-materjal użat ma kienx tajjeb għall-apert.

In kontroeżami l-perit Borg Costanzi tgħid[21] li l-atturi ma kinux ikkuntattjawha qabel tlestew ix-xogħlijiet. B'riferiment għall-*email* tal-konvenut lid-*designer* datata 5 ta' Settembru, 2014[22] fejn isemmi lista ta' affarijiet li kien dispost jirranġa, ix-xhud tgħid li l-atturi kienu għaddewielha din l-*email* qabel ma kkonkludiet ir-rapport tagħha. Ix-xhud tgħid li x-xogħol fuq il-ħajt kellu isir fuq ħitan normali ta' ġnien b'andulaturi naturali. Għar-rigward tal-proposti fl-*email* tal-konvenut tal-5 ta' Settembru, 2014 ix-xogħlijiet xorta ma kinux ser isiru sew, pereżempju ma setax jirranġa *warped section* tal-ħajt għax dan jibqa' *warped.* Kellha ssir struttura mhux imwaħħla mal-ħajt li żżomm mal-art, ċjoè l-ewwel tiġi rranġata s-*sub-structure* biex il-faċċata tiġi lixxa u soda mhux isiru biss xi tibdiliet.

[20] A *fol.* 80.
[21] A *fol.* 106 sa 111.
[22] A *fol.* 201 u 202.

L-*interior designer* **Stefania Schembri** fl-affidavit tagħha tgħid[23] li kienu avviċinawha l-atturi f'April 2014 u wara xi laqgħat lestitilhom disinn ta' *decking* u *cladding* tal-*pool area* tal-ġnien tad-dar residenza tagħhom.[24] Fit-30 ta' Mejju, 2014 hija kienet bagħtet żewġ *layouts* ta' *drawings* lill-konvenut b'*email,* iżda fl-aħħar l-atturi għażlu d-disinni li esebit waqt id-depożizzjoni tagħha.[25] L-atturi kienu diġà ltaqgħu fl-assenza tagħha mal-konvenut u kienu ġabu kampjuni mingħandu. Sussegwentement il-konvenut kien talab lix-xhud il-qisien u hija bagħtittlu *drawings* addizzjonali.[26] Ix-xhud tgħid li l-konvenut kien infurmaha li qabel ma joħroġ kwotazzjoni huwa kellu bżonn jara s-sit u kienet saret laqgħa fuq il-post fis-17 ta' Ġunju, 2014. Il-konvenut bagħtilha stima datata 17 ta' Ġunju, 2014 flimkien mal-*email* datata 19 ta' Ġunju, 2014.[27] Stefania Schembri wieġbet lill-konvenut li kien importanti li l-istruttura tal-metall li fuqha kien ser jitpoġġa l-*cladding* u d-*decking* tkun tiflaħ il-piż u l-konvenut kien aċċertaha li din kienet ser tkun b'saħħitha biżżejjed. Ix-xhud bagħtet lill-atturi l-istima li kien bagħtilha l-konvenut. Schembri tgħid li filwaqt li kien għaddej ix-xogħol, kienet iltaqgħet diversi drabi mal-konvenut u l-ħaddiema tiegħu u dawn kellhom ħafna problemi minħabba li l-*gaps* kienu wisgħin iżżejjed u għalkemm kienu ppruvaw jirranġawhom, kien kollu ta' xejn. Ix-xhud tgħid li l-konvenut kien kkonvinċa lill-klijenti tagħha li seta' jirranġa x-xogħlijiet difettużi, iżda hi kellha r-riżervi tagħha dwar dan. Ix-xhud issemmi l-episodju ta' meta ħaddiem tal-konvenut kien ammetta li ma kellux esperjenza fuq

---

[23] *A fol.* 182 u 183.
[24] Pjanti *a fol.* 184 sa 186.
[25] *A fol.* 184 sa 188.
[26] *A fol.* 187 u 188.
[27] *A fol.* 189 fejn jgħid li l-uniku *"concern lies with the installation of the skirting around the pool. This might not be ideal for the job, but should it not work I would be prepared to replace it for 50% of the cost by a more appropriate accessory for the job. This would be ... with a smooth surface...I do not have this in stock, but I shall have it available with my next consignment."* Semma wkoll kif kien ser jaħdem minħabba t-temperaturi għoljin ta' Malta.

dan it-tip ta' xogħol u saħansitra kien ċempel lill-konvenut quddiemhom fejn qallu li kien ser jitlaq mix-xogħol jekk iħallih hemmhekk u episodju ieħor fejn il-konvenut kien keċċa ħaddiem ieħor tiegħu għax qal li kien qed jagħmel xogħol ħażin. Ix-xhud tgħid li fil-bidu ta' Settembru, 2014 is-sitwazzjoni tant kienet spiċċat ħażin li ma kienx hemm x'issalva mix-xogħlijiet tal-konvenut u kellu jinbidel kollox. Ix-xhud issemmi wkoll l-art kollha tiċċaqlaq, li l-*gaps* ma kinux ekwidistanti, li kien hemm viti jidhru mad-dawra tal-*pool,* il-*finish* mat-tarf tal-ħitan ma kienx allineat sew, li kien hemm ingletti mhux maqtugħin sewwa, li l-istruttura tal-metall mal-ħajt inbarmet u l-injam inqala' bil-piż, li l-*frames* tal-injam li kienu qed iżommu d-dawl fil-*cladding* ma żammewx posthom, li ċ-ċappetti tal-bibien ma felħux għall-piż u l-*push and open mechanism* ma kienx b'saħħtu biżżejjed għall-bieb. Ix-xhud tgħid li l-konvenut kien ammetta magħha li kienet l-ewwel darba li kien qed jaħdem fuq dan it-tip ta' xogħol. Ix-xhud tagħmel riferiment għall-*e-mail* li kien bagħat l-konvenut fil-5 ta' Settembru, 2014 biex jipprova jirrimedja, iżda fl-opinjoni tagħha dan ma kienx aċċettabbli u kienet hi li ssuġġeriet lill-atturi biex jieħdu parir mingħand il-perit Borg Costanzi.

Quddiem il-Perit Tekniku Stefania Schembri xehdet[28] illi kienet qalet lill-konvenut biex juża struttura tal-ħadid adegwata li tkun tiflaħ għall-piż tad-*decking* u tal-*cladding.* In kontroeżami Stefania Schembri qalet[29] li għandha l-kwalifika ta' *interior designer* mill-Ingilterra u kienet wkoll segwit kors bil-korrispondenza ma' istitut f'Milan. Ix-xhud tgħid li kellha esperjenza b'materjal bħalma ġie użat mill-konvenut fi proġetti oħrajn fejn intuża

[28] *A fol.* 82 u 106.
[29] *A fol.* 83 sa 87 u 90 sa 103.

materjal *man-made* u mhux injam naturali, fejn bl-esperjenza ta' xogħol li kellhom kuntratturi oħrajn li ħadmu b'dan il-materjal, dawn ma rriskontaw ebda problemi. Ix-xhud tgħid li ma kinitx rat ix-xogħol tal-konvenut qabel. Ix-xhud tgħid li hi bħala *designer* tieħu ħsieb li x-xogħol isir skont id-disinn però s-*supplier* tal-materjal huwa responsabbli għall-materjal li jintuża għad-disinn tagħha u huwa għalhekk li hija tinsisti li min ser jagħmel ix-xogħol imur jara l-ambjent fejn ikun ser jaħdem. Ix-xhud tgħid li waħda mill-problemi fix-xogħol tal-konvenut kienet li l-viti kienu jidhru minn kullimkien u li ma ħadimx kif suppost bi *clips* li jintużaw ukoll fit-trufijiet. Ix-xhud tgħid li l-akbar problemi li nqalgħu kienu meta l-konvenut beda jaħdem fuq il-ħajt li ma kienx invell u l-art li ma kinitx invell minħabba l-qlib għall-ilma. Ix-xhud tgħid li għalkemm issuġġeriet lill-atturi kuntratturi ta' esperjenza li jagħmlu xogħol sew u li jipprovdu materjal tajjeb u li hija kienet tirrakkomanda għax kienet ħadmet magħhom, l-atturi għoġobhom l-aktar il-kulur tal-materjal tal-konvenut. Ix-xhud tgħid li ma setgħetx tirrakkomanda lill-konvenut kif tagħmel fil-każ ta' dawk li kellha esperjenza ta' xogħol magħhom, għax qatt ma kienet ħadmet mal-konvenut. Schembri tgħid li kien hemm aperturi li spiċċaw anki waqgħu u li l-materjal bħal tal-konvenut hi kienet użatu drabi oħra u ma kellhiex problemi. Il-problemi li kellu l-konvenut kien fil-mod kif kien qed jagħmel ix-xogħol. Ix-xhud tgħid li kienet ħalliet l-materjal fl-ilma għal xahar u ma kien ġralu xejn. Stefania Schembri tgħid li x-xogħol da parti tal-konvenut kellu jitlesta fi żmien ġimagħtejn, però kien baqa' għaddej kważi erba' xhur. Ix-xhud tgħid li dan iż-żmien kien miftiehem bil-fomm u ma kienx hemm kuntratt bil-miktub u hi kienet biss id-*designer* mhux il-*project manager* jew koodrinatur tal-proġett. Lanqas kellha inkarigu li tissorvelja x-xogħol, imma li sempliċement tara li x-xogħol isir skont id-disinn tagħha. Il-konvenut f'każ li ma setax jagħmel ix-xogħol skont id-

disinn, huwa kellu jinfurmahom b'dan mill-ewwel. Schembri tgħid li mhux minnu li problemi nqalgħu biss meta x-xogħol kien kważi lest, imma *"from day one or day two."* Dwar jekk hi kinitx tat ordni biex jieqaf ix-xogħol, Schembri tgħid li ma kienx kompitu tagħha li tagħmel dan. Ix-xhud tgħid li l-lista ta' xogħlijiet rimedjali li kien ippropona li jagħmel il-konvenut ma kinitx tinkludi x-xogħol kollu ħażin li kien hemm u li hi kienet għaddiet din il-lista tal-konvenut lill-atturi biex jiddeċiedu huma x'għandu jsir. Ix-xhud tgħid li x-xogħol kien beda ġej ħażin mill-bidu nett u li l-konvenut kien dejjem iwiegħed li ser jirranġa u meta l-ħaddiema bdew jippruvaw jikkumpressaw ix-xogħol biex joqgħod sewwa, kull darba kien jistrieħ u kien jerġa' jiġi ħażin. Suppost li intużaw *end caps* biex ix-xogħol ma jiċċalaqx minn fejn m'għandux jiċċaqlaq. Stefania Schembri tgħid li mill-bidu kellha riservi dwar ix-xogħol tal-konvenut, però ma kienx kompitu tagħha li tavża b'dan lill-atturi. Ix-xhud tgħid però li kemm-il darba wissiet bil-fomm lill-konvenut u lill-ħaddiema tiegħu li x-xogħol kien ġej ħażin, anki quddiem l-atturi u fil-fatt il-konvenut dejjem kien jaċċertaha li ser jirranġa. Ix-xhud tispjega li hi ma kinitx tħossha moralment responsabbli għax l-kuntrattur mhux hi ssuġġeritu u apparti li xogħolha ma kienx ta' *project manager.*

Min-naħa tiegħu l-konvenut, **Joe Bonnici**, fl-affidavit tiegħu jgħid[30] li kien ilu 15-il sena jagħmel xogħol ta' *interior finishing works.* Ix-xhud jgħid li hu stess importa l-materjal li uża għall-atturi u l-ħaddiema li assistewh biex iwaħħal dan il-materjali kienu impjegati tiegħu. Ix-xhud jgħid li kienet l-ewwel darba li importa dan il-materjal *composite* u aktar għali. Il-konvenut jgħid li kien qed jagħti *promotional discount* ta' 20% fuq dan ix-xogħol ġdid. Bonnici jgħid li hu ma kellux x'jaqsam mad-disinn li kienet għamlet *designer*

[30] *A fol.* 196 sa 200.

li inkarigaw l-atturi. Il-konvenut jgħid li meta ra d-disinn kien qal kemm lill-atturi u kemm lid-*designer* li biex jilħaq ċertu *finishes* bil-materjal li kellu, kellu jimprovizza. Il-konvenut jgħid li d-*designer* kienet tmur tara x-xogħol kif kien ġej sakemm kien kważi lest. Bonnici jgħid li kien biss meta kien kważi lesta x-xogħol kollu li kien avviċinah l-attur u qallu li kien hemm xi difetti biex jirranġahom. Kienu ltaqgħu wkoll mad-*designer* u kien sar ftehim fis-sens li hu kellu jibgħatilhom bil-miktub l-affarijiet li kellhom jittranġaw, għalkemm isostni li ma kien hemm ebda xogħol ħażin, imma kellu jbaxxi rasu u bagħat l-*email* lid-*designer.*[31] Bonnici jgħid li hu ma kienx qed jaċċetta li x-xogħol sar ħażin, iżda biex jittranżiġi x-xogħlijiet rimedjali kien ser jagħmilhom a spejjeż tiegħu. Fl-*email* ippreċiża wkoll:

> *"All the above works are being done in good faith and with a full commitment to satisfy your demands, even though I still maintain that most of the works have been done within the acceptable allowance for such works."*

Il-konvenut jinsisti li x-xogħlijiet li saru minnu kienu konformi mal-*guidelines* tal-prodott.[32]

Il-konvenut jgħid li xahar wara li bagħat il-proposti tiegħu lill-atturi, ċemplitlu d-*designer* Stefania Schembri li qaltlu li jista' jibda bix-xogħlijiet

---

[31] *Email a fol.* 201 u 202 tal-proċess fejn ippropona: "*Gap between boards to be reduced to 5mm, using spacers to ensure that gaps are all equal; widen the cladding on the right leaf of two leaf doors so as to reduce gap to the minimum possible; cover elevated part of steel door frame; replace push to open fittings; gap between board lengths to be reduced to 5 mm, using spacers to ensure that gaps are all equal; possible replace short planks to help achieve this goal; remove part cladding above last window opening and reinforce steel structure to avoid drooping; re-fit cladding; remove and replace three shorter planks, installed in error; find a method to fix the bottom part of the frame; wall permitting , arrange warped section against wall; finally skirting will be fitted to the areas indicated, thus ensuring a smarter finish to the job - This is normal practice for such works. All the above works will be done in phases, and no other works will proceed unless we get your full approval of the executed alterations in each phase.*"

[32] *A fol.* 211 sa 217 - *"Evotimber installation guide."*

proposti minnu basta jbiddel il-ħaddiema tiegħu. Il-konvenut jgħid li l-ħaddiema tiegħu kienu jafu x-xogħol tagħhom u hu kien ikun fuq il-post biex jiggwidahom. Il-konvenut jgħid li mhux minnu li l-atturi ma kinux kuntenti bix-xogħol tiegħu tant hu hekk kienu għamlu t-tieni pagament ta' €5,000.[33]

Dwar li l-istruttura bażi li allegatament ma kinitx tiflaħ il-piż tal-*cladding,* il-konvenut jgħid li dan mhux minnu għax hu kien qalilhom lill-atturi kif kienet ser issir l-istruttura u jgħid fl-ebda mument l-atturi ma qalulu li ma kinitx tajba jew li ma kinitx aċċettata. Il-konvenut jgħid li l-atturi kellhom kwotazzjonijiet aktar għoljin ta' kuntratturi li offrew strutturi aktar solidi. L-atturi kienu aċċettaw il-*quotation* tal-konvenut li kienet aktar ekonomika. Il-konvenut jinnega li d-*designer* kienet qaltlu biex juża struttura li tiflaħ il-piż, u huwa kien bagħtilha b'*email* l-*ispecifications* li kien ser juża.[34] Il-konvenut jgħid li kieku tħalla jispiċċa x-xogħol, kien jagħmel *cladding* biex jgħatti l-ispażju bejn l-istruttura u l-ħajt imbewwaq biex ma jidher xejn. Il-konvenut ma jaqbilx li kien beda jinqala' l-*cladding* minn mal-ħajt. Il-konvenut jgħid li kien ta parir biex fejn kien hemm il-ħamrija jingħata l-konkos biex l-art tkun aktar soda għad-*decking,* però l-atturi insistew li jibqgħu għaddejjin fuq il-ħamrija. Il-konvenut jgħid ukoll li fit-truf tal-*pool* ma setgħux jużaw *concealed clips* iżda viti u għamluhom puliti ħafna. Il-konvenut jgħid li ma kienx tħalla jagħmel l-i*skirting* maqbul mill-atturi u kieku ħallewh jagħmel dan l-i*skirting* kienet tingħata *finishing* pulita.

[33] Il-pagament kien ta' €6,000. Iżda l-konvenut baqa' jgħid li l-pagament kien ta' €5,000 li kienu semmew l-atturi fil-bidu bi żball.
[34] A *fol.* 189.

In kontroeżami l-konvenut innega[35] li dak li kiteb fl-*email a fol.* 201 u 202 kienu proposti tiegħu, imma jgħid li dawn kienu l-affarijiet li qablu fuqhom il-partijiet f'*site meeting.* Muri kopji taċ-ċekkijiet li l-atturi kienu ħallsuh darbtejn is-somma ta' €6,000, il-konvenut jgħid li kien ħa żball hu meta qal li t-tieni darba l-atturi kienu ħallsuh €5,000 u kkonferma li kien irċieva żewġ ċekkijiet għas-somma komplessiva ta' €12,000. Il-konvenut għall-ewwel jgħid li ma jiftakarx li kien irċeva l-ittra uffiċjali *a fol.* 220 tal-proċess u sussegwentement jgħid li sabha mal-karti tiegħu, iżda ma kienx jaf min bagħatilu. Il-konvenut jinsisti li l-bażi li uża kienet soda biżżejjed għall-*cladding.* Dwar il-fatt li għal dan il-proġett uża materjal li qatt ma kien uża qabel, qal li mhux l-ewwel darba uża materjali ġodda però qabel ma jużahom jaqra sew dwarhom. Peress li mhux soltu li jkollhom *cladding* fuq ħajt daqshekk kbir, f'dan il-każ qatta' ħafna ħin aktar mis-soltu mal-ħaddiema.

In rieżami l-konvenut jgħid[36] li fl-*email* li kien bagħat lid-*designer,* l-unika proposta li kien hemm min-naħa tiegħu kienet is-sekwenza tax-xogħol kif kien ser isir. X'kellu jsir kien diġà ġie miftiehem fl-aħħar *site meeting* li kellhom qabel il-partijiet. Il-konvenut jgħid li ħafna mill-affarijiet kienu saru *according to specifications,* però minħabba dak li sab fuq il-post huwa kellu jagħmel xi *improvisations.* Fuq domandi tal-Perit Tekniku l-konvenut jgħid li kien ħalla spazju għall-espansjoni tal-materjal u ma jirriżultalux li kien hemm aktar ċedimenti anki meta mar għall-aċċess mal-Perit Tekniku. Il-konvenut jgħid li ladarba l-atturi ma kinux jilmentaw dwar ix-xogħlijiet u kienu ħallsu t-tieni pagament *on account,* huwa assuma li kienu kuntenti

[35] *A fol.* 111 sa 120.
[36] *A fol.* 121 sa 127.

bix-xogħol. Il-konvenut jgħid li probabbilment il-vera raġuni għalfejn l-atturi fl-aħħar qalgħulu l-problemi, kienet meta rrealizzaw li t-tip ta' materjal użat ma kienx tajjeb għal madwar *pool* għax bix-xemx ta' Malta jiġi jikwi u ma tkunx tista' timxi fuqu.

*Rapport tal-Perit Tekniku Edgar Caruana Montalto*[37]

Il-Perit Tekniku Edgar Caruana Montalto waqt l-aċċess li għamel fis-6 ta' Mejju, 2015 ħa għadd ta' ritratti li juru xogħol difettuż da parti tal-konvenut[38] u għamel is-segwenti rimarki:

> "Illi l-esponent sejjer jikkonċentra l-aktar fuq ħwejjeġ tekniċi
>
> Ta' ċerta importanza huma:
>
> Fl-aċċess, li ġie miżmum nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju, 2015 dawn l-affarijiet ġew innotati:
>
> - Kien hemm ammont kbir ta' moviment fil-pannelli/'*planks* 'li kien hemm mal-ħitan u l-art.
> - Kien hemm xquq wiesgħin li jidhru bejn '*plank'* u oħra.
> - Kien hemm hafna mill-'*planks* 'li kienu imbewqin (*warped*).
> - Kien hemm uħud mill-'*planks* 'li kienu imkissrin.
> - Kien hemm xfar li ma kienux lesti minn kollox.
> - Kien hemm xi partijiet mill-art fejn ix-xogħol li twaħħal ma kienx invell.
> - Kien hemm xi partijiet neqsin mill-istruttura tal-pannelli li twaħħlu mal-ħitan, in-naħa ta' fuq.

[37] *A fol.* 145 u 146.
[38] *A fol.* 222 sa 256.

- Ix-xogħol ta' pannelli/'*planks*' li kien imwaħħal mal-ħajt ma kienx sigur.

Mill-informazzjoni li inġabret tul is-seduti, ġew innotati:

- Xogħlijiet ta' preparazzjoni ma sarux mal-ħitan eżistenti (ħitan tas-sejjieħ) qabel ma twaħħlu l-pannelli.
- L-istruttura li qed iżżomm il-pannelli ta' mal-ħitan m'hiex iddisinjata tajjeb.
- Kien hemm problemi fil-kwalità tax-xogħol li kien qed isir magħtul l-eżekuzzjoni tax-xogħol innifsu.
- Kienet l-ewwel darba li l-kuntrattur għamel dan it-tip ta' xogħol.
- Ix-xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti.
- Il-pagamenti li saru kienu saru bħala pagamenti parzjali '*payment on account*'.

L-esponent sejjer jikkummenta fuq dawn, sabiex ikun jista' jasal għal konklużjoni:

**6.3 Konklużjoni**

- Il-pagamenti li saru kienu kollha pagamenti parzjali (*payment on account*), u għalhekk l-attriċi f'ebda ħin ma aċċettat x-xogħol provdut.
- Il-konvenut kellu jagħmel ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti u kif deher skont il-provi u l-aċċess huwa ċar li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti.
- Ix-xogħlijiet magħmula mill-intimat fid-dar tar-rikorrenti huma difettużi, mhumiex skont is-sengħa u l-arti, kif ukoll mhux tal-kwalità pattwita u ma għandhom ebda utilità għar-rikorrent u iridu jinbidlu u jsiru mill-ġdid."

Saret l-eskussjoni tal-Perit Tekniku kemm mill-atturi u kemm mill-konvenut. Min-naħa tal-atturi l-Perit Tekniku ġie mistoqsi in eskussjoni[39] jekk l-istima maħruġa minn Brands International ta' €19,446.48 għax-xogħlijiet li

[39] *Fol.* 268.

kellhom isiru mill-ġdid, kinitx raġonevoli u jekk biex isir xogħol minn terzi kienx ikun hemm bżonn li jitneħħa x-xogħol kollu tal-konvenut u l-istima tat-tneħħija eskluż il-magażżinaġġ. Il-Perit Tekniku wieġeb[40] li l-istima ta' Brands International kienet raġonevoli, li jkun hemm bżonn it-tneħħija tax-xogħlijiet li għamel il-konvenut u bħala stima raġonevoli tal-ispiża għat-tneħħija tax-xogħlijiet li għamel il-konvenut u *carting away,* il-Perit Tekniku jgħid li din għandha tkun ta' bejn €2,500 u €3,000.[41]

Prodott in eskussjoni mill-konvenuti, il-Perit Tekniku jgħid[42] li l-planki inkwistjoni jespandu u jrid għalhekk jitħalla spazju għall-moviment. Moviment aċċettabli huwa dak li jżomm l-prodott tajjeb għall-użu. Il-perit spjega li f'dan il-każ l-moviment tad-*decking* tilef kemm l-allineament u kemm il-livelli tiegħu. Il-perit Edgar Caruana Montalto jgħid li kien hemm *specifications* tal-prodott, però jispjega li meta fir-rapport tiegħu semma moviment kien qed jirreferi għall-planki jiċċaqilqu u mhux għall-*expansion* u l-*contraction* tal-materjal. Il-Perit Tekniku jgħid li kien hemm ħafna planki mbewqin u planki miksurin u jagħmel riferiment għar-ritratti esebiti minnu.[43] Il-Perit Tekniku jgħid li ħa in konsiderazzjoni li l-konvenut ma tħalliex ikompli x-xogħol mill-atturi u qies ukoll li l-konvenut kien dispost li jagħmel diversi xogħlijiet rimedjali kif semma fl-*email* tiegħu tal-5 ta' Settembru, 2014, però xorta waħda b'dawk ix-xogħlijiet ir-riżultat ma kienx ikun skont is-sengħa u l-arti. Dwar xogħol bi xfar mhumiex lesti u partijiet neqsin, il-Perit Tekniku jagħmel riferiment għar-ritratti *a fol.* 246 sa 252 u jgħid li dawn juru nuqqas ta' professjonalità tal-konvenut u li dawn ma

[40] *A fol.* 271 sa 273.
[41] Iżda fl-istima ta' Brands International, hemm inkluża wkoll stima tar-*removal and carting away* fis-somma ta' €230.
[42] *A fol.* 258 sa 262 u *a fol.* 274 sa 276.
[43] A *fol.* 223 sa 232, 248, 250, 254, 237, 240, 243, 245 u 255.

ssemmewx fil-lista tiegħu tax-xogħlijiet li kien lest li jagħmel. Dwar fejn fir-rapport tiegħu jsemmi xi xogħol li ma kienx invell, ir-raġuni għal dan kienet li x-xogħol kien tqiegħed fuq il-konkos pre-eżistenti li kellu xaqliba minħabba *drainage*, iżda t-tort ta' dan kien tal-konvenut għax kellu juża *sub-structure* li telimina d-diżlivelli u mbagħad il-planki fil-wiċċ ma kienx ikollhom bżonn xaqliba. Il-Perit Tekniku jsemmi bħala eżempju ta' diżlivelli dawk evidenzjati fir-ritratti li ħa *a fol.* 223 sa 233, 236, 242 sa 245, 253 u 254. Dwar jekk ħax in konsiderazzjoni li l-istruttura ntagħżlet abbażi tal-*budget* tal-atturi u li din kienet twaħħlet fil-preżenza tad-*designer* u tal-atturi, il-Perit Tekniku wieġeb li l-istruttura xorta kellha tinħadem sew għall-użu li saret għalih. Il-Perit Tekniku jgħid li jidher ċediment fir-ritratti *a fol.* 222, 230, 236, 237, 240, 244, 248, 249 u 255. Il-Perit Tekniku jispjega li meta fir-rapport tiegħu semma li ma kinux saru xogħlijiet ta' preparazzjoni, kien qed jagħmel riferiment għall-invellar u prekawzjonijiet biex l-istruttura tkun tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha sew. Il-Perit Tekniku jispjega li l-istruttura li twaħħlet mal-ħajt ma kinitx iddisinjata tajjeb minħabba li kellha tkun kemm jista' jkun indipendenti mill-ħajt u titwaħħal mal-ħajt tas-sejjieħ fejn ikun biss meħtieġ. Kwantu għall-fatt li l-attur ma kellux esperjenza fuq dan it-tip ta' xogħol għalkemm kellu esperjenza fuq materjal ieħor, il-perit Edgar Caruana Montaldo jgħid li xogħol fuq materjal *composite* trid esperjenza differenti għalih milli fuq materjal *solid* li ħadem fuqu l-konvenut qabel.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Wara li ssir analiżi tal-provi li ġew imressqa, hu essenzjali li tiġi stabbilita l-figura ġuridika tan-negozju bejn il-partijiet f'din il-kawża. Mhuwiex

ikkontestat li l-ftehim inkwistjoni kien wieħed ta' appalt fejn l-konvenut bħala appaltatur ipprovda kemm il-materjal kif ukoll ix-xogħol tiegħu. Però dak li hu kkontestat huwa x'responsabbilità għandu l-konvenut f'kuntratt ta' appalt u r-rimedji li l-atturi għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Dan għaliex ir-rimedji fir-rigward ta' kuntratt ta' sempliċi bejgħ ta' materjal u r-rimedji fir-rigward ta' kuntratt ta' appalt huma kemxejn differenti.

Illi għar-rigward tad-differenza bejn dawn iż-żewġ tipi ta' kuntratti, fis-sentenza dettaljata fl-ismijiet **Anthony Marcel Pace Asciaq *noe vs.* Joseph Camilleri *et,*** ingħad dan li ġej:[44]

> "Jixraq fl-ewwel lok li tiġi indagata u epurata sew il-kontroversja sorta bejn il-kontendenti f'din il-kawża. Jiġifieri dik jekk il-figura ġuridika tan-negozju intervenut bejniethom għandhiex tiġi klassifikata bħala "*vendita*" kif pretiż mill-attur *nomine* ossija "*locatio operis*", kif hekk ritenut mill-konvenuti proprju fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom għall-azzjoni prinċipali;
>
> Indubbjament l-istabbilizzar ta' din il-figura ġuridika hi ta' vitali importanza in kwantu ż-żewġ istituti, distintament kollokati fil-Kodiċi Ċivili, jipprovdu rimedji ben diversi. In effetti kieku l-Qorti kellha taċċetta l-veduta tal-perit legali illi fil-każ in eżami si tratta minn kuntratt ta' bejgħ, allura diffiċilment, imbagħad, seta' jsegwi illi l-istess perit legali jissofferma fuq it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u tal-kontro-talba tagħhom billi dawn huma espressament arġinati fuq l-istitut tal-appalt in kwantu għall-kontenzjoni illi x-xogħol ma ġiex eżegwit skont l-arti u s-sengħa u kien ukoll inkompletat;
>
> Minn dak rinvenut fil-Kodiċi Ċivili jirriżulta li r-rimedji miftuħa lix-xerrej f'każ ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-każ tal-ewwel artikolu bażat fuq in-nuqqas tal-kwalità mwegħda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja tal-

[44] P.A., 28.01.2004.

oġġett mibjugħ, li jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob ukoll id-danni jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit.

Fil-każ tat-tieni, bażat fuq il-garanzija għad-difetti li ma jidhrux, il-liġi wkoll tassenjalu d-dritt tal-għażla wara r-riċezzjoni tal-oġġett, jiġifieri jew li jirreċedi mill-bejgħ bl-azzjoni redibitorja jew li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti u li tirrappreżenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejħa estimatorja;

Huma dawn ir-rimedji li l-liġi tipprovdi lix-xerrej u allura l-kwestjoni jekk ix-xogħlijiet sarux sew u skont l-arti u s-sengħa strettament ma tiċċentra xejn f'negozju ġuridiku bħal dan ta' komprovendita;

Premess dan li fuq ġie ravvisat, huwa innegabbli illi l-kompitu fir-riċerka tal-kriterju distintiv bejn "*vendita*" u "*locatio operis*" mhux nieqes minn diffikoltajiet.

Dan hu hekk rikonoxxut mid-dottrina kif ukoll mill-ġurisprudenza; Hekk it-trattist **C. Massimo Bianca** fl-opra tiegħu "La Vendita e la Permuta", Unione Tipografico – Editrice Torinese, Edizzjoni 1972 paġna 39 para. 21, jgħid illi "*quando l'alienante assume una prestazione di fare che non si limita ad una semplice attività integrativa o complementare ma attiene alla stessa produzione del bene, il problema della classificazione del contratto non può essere risolto qualificando senz'altro la prestazione come accessoria rispetto alla vendita. Occorre piuttosto accertare se il rapporto negoziale non corrisponda in realtà al tipo dei contratti d'opera individuale o imprenditoriale, cioè al contratto d'opera o al contratto d'appalto*.";

Jingħad minn awturi bhal **Rubino-Iudica** ("*Dell'Appalto*" para. 44) illi dak li jiddistingwi l-appalt mill-bejgh huwa l-kriterju tal-"*prevalenza del lavoro sulla materia*". Bl-invers jinsab ritenut illi meta l-appaltatur jintraprendi opra li fiha jagħti mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, imma jfornixxi anke l-materjal, dan l-appalt huwa affini mal-bejgħ (**Carmelo Borg *vs.* Joseph Mifsud**, Appell Kummerċjali, 7 ta' Ottubru, 1980);

Fil-fehma tal-Qorti din hi distinzjoni pjuttost sempliċistika tal-kunċett u ma ssolvix il-problema;

Ġiet allura konċepita t-teorija żviluppata fid-duttrina u l-gurisprudenza Taljana "*secondo il quale il contratto di vendita si distingue da quello di appalto per il diverso oggetto, consistente, rispettivamente, in un'obbligazione di dare oppure in un obbligazione di dare e insieme di fare, con organizzazione di mezzi necessari e con gestione a rischio dell'appaltatore*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 58 tad-9 ta' Jannar, 1970**);

Din it-teorija ittendi biex tassenja importanza deċiżiva lill-volontà tal-partijiet kontraenti. Teorija li wkoll sabet favur f'ċerta ġurisprudenza tagħna, kif manifest mis-sentenzi fl-ismijiet **Neg. George E. Camilleri *vs.* Joseph Mamo *nomine***, Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Awwissu, 1951; **George Vassallo *vs.* Lawrence Fenech *et nomine***, Appell Kummerċjali, 26 ta' April, 1988 u **John Debono *vs.* Anthony Fenech *nomine et***., Appell Kummerċjali, 15 ta' Jannar, 1992;

Rigwardata minn din il-prospettiva tal-volontà tal-partijiet s-soluzzjoni tal-vertenza jidher li ġiet stabbilita skond l-ottika li wieħed jara l-kontrattazzjoni;

F'dan il-kuntest ġie ritenut, dejjem fil-ġurisprudenza Taljana, illi "*si tratterà di vendita di cosa futura e non di appalto, quando il prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell'ordinaria produzione dell'assuntore*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 4020 tal-1983**).

Tali tibqa' s-sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oġġett, purchè jkunu marġinali jew sekondarji, addottati biex jissodisfaw l-esiġenzi tad-destinatarju tiegħu. Minn naħa l-oħra jekk il-modifiki "*siano tali da dare luogo ad un 'opus perfectum' inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione, si tratterà invece di appalto*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 8445 tas-sena 2000**).

Jekk, imbagħad, ukoll il-kuntratt ma jkunx jista' jiġi każellat taħt it-tip wieħed jew l-ieħor, jista' jiġi kwalifikat bħala "*contratto misto*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 83 tal-1972**)."

Fil-każ odjern, abbażi tal-insenjament kif fuq spjegat, mingħajr dubju l-figura ġuridika tan-negozju bejn il-partijiet hija dik tal-appalt u allura

għandhom isegwu d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw l-appalt senjatament l-artikolu 1640:

> "**1640.** (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.
>
> (2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.
>
> (3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.
>
> (4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.
>
> (5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti."

Għall-finijiet tal-artikolu 1640(5) tal-Kap. 16, mill-atti jirriżulta li l-kuntratt inkwistjoni ġie maħlul permezz tal-ittra uffiċjali li ntbagħtet lill-konvenut mill-atturi esebita *a fol.* 220. Mhijiex verosimili l-asserzjoni tal-konvenut li għall-ewwel qal li ma jiftakarx li qatt irċeva ittra uffiċjali mingħand l-atturi u wara qal li kien sab din l-ittra uffiċjali mal-karti tiegħu, iżda ma jafx kif waslet għandu. Mir-rapport tal-Perit Tekniku Edgar Caruana Montalto jirriżulta mingħajr dubju li x-xogħol difettuż tal-konvenut ma setax jiġi

rimedjat ħlief billi jitneħħa kollu u li jerġa' jsir mill-ġdid u li x-xogħol kollu li sar mill-konvenut ma kien ta' ebda utilità għall-atturi tant li l-Perit Tekniku in eskussjoni tenna li x-xogħol li kien għamel l-konvenut kellu l-ewwel jintrema u l-kuntrattur il-ġdid kellu jerġa' jagħmel ix-xogħol mill-bidu. Il-Perit Tekniku Edgar Caruana Montalto jikkonstata li l-kuntratt ġie xolt mill-atturi għal raġuni validissima tant li anki kieku l-atturi aċċettaw li l-konvenut jagħmel dawk ix-xogħlijiet suġġeriti minnu fl-*email* tal-5 ta' Settembru, 2014, ma kinux isolvu l-problema u l-uniku soluzzjoni kienet li jinbidel ix-xogħol kollu. Dan ovvjament ma kienx aċċettabbli għall-konvenut li baqa' jinsisti li x-xogħlijiet limitati li huwa ppropona li jbiddel kellhom isiru buona grazzja tiegħu u mhux għax ix-xogħol tiegħu kien difettużi, allavolja kien rinfaċċjat bil-konstatazzjonijiet tal-perit *ex parte* Elena Borg Costanzi u tal-Perit Tekniku Edgar Caruana Montalto.

Il-Perit Tekniku fir-rapport tiegħu jikkonkludi li x-xogħol li għamel il-konvenut ma kien ta' ebda utilità għall-atturi u għalhekk il-Qorti tqis li r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut fejn qiegħed jeċċepixxi l-*indebiti solutio,* mhijiex mistħoqqa. Illi ladarba ġie stabbilit li hemm raġuni valida għall-ħall tal-kuntratt ta' appalt[45], u ġie stabbilit ukoll li x-xogħol kollu tal-konvenut kien difettuż u mhu ta' ebda utilità għall-atturi, anżi dawn ser ikollhom jidħlu fi spiża akbar biex jitneħħa x-xogħol tal-konvenut minn appaltatur ieħor, il-konvenut mhuwa intitolat għal ebda ħlas mill-atturi u allura t-talba tal-atturi għar-restituzzjoni tas-somma ta' €12,000 mħallsa akkont mill-atturi, hija mistħoqqa.

[45] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Alcasons & Company Limited *noe* *vs.* Tigné Development Compnay Limited *noe,*** P.A., 28.07.2004.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Lino Borg *vs.* Anthony Buttigieg de Piro *et***[46] kien ġie affermat illi l-appaltatur ma kienx intitolat lanqas għal xi parti mill-prezz tax-xogħol li għamel u dan kemm għax il-konvenuti ma kinux obbligati li jħallsu xejn qabel l-appalt jiġi esegwit skont il-ftehim bejn il-partijiet u għaliex f'dan il-każ l-ebda parti mill-appalt ma kienet saret skont is-sengħa u l-arti. Bl-istess mod fil-każ odjern il-konvenut mhux intitolat għall-ebda ħlas stante li x-xogħlijiet kollha li huwa għamel ma kinux skont is-sengħa u l-arti u jridu jinqalgħu u jsiru mill-ġdid.

Tqis illi l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenut ukoll mhumiex mistħoqqa u dan għaliex ix-xhieda tal-konvenut ma kienet xejn kredibbli, l-aktar fejn baqa' jistina jgħid li x-xogħlijiet effettwati minnu kien skont is-sengħa u l-arti, mentri l-provi mressqa u r-riżultanzi tal-Perit Tekniku juru għalkollox mod ieħor. Il-konvenut ittenta jaħrab mir-responsabbilitjiet tiegħu ta' appaltatur billi jallega ħafna affarijiet li anki kieku kienu minnhom, xorta ma xxejnux ir-responsabbilità legali tiegħu bħala appaltatur. Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, il-kuntrattur hu obbligat li jagħmel ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti u saħansitra huwa obbligat li jirreżisti l-indħil tal-appaltanti jekk ix-xogħol kif iriduh huma ma jkunx skont is-sengħa u l-arti.

> "*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua e deve prestare almeno una capacità ordinaria.*"[47]

[46] P.A., 13.01.1995.

[47] **Carmelo Scicluna vs Giuseppe Mallia *et***, Q.A., 31.05.1929.

L-appaltatur hu obbligat li jeżegwixxi l-opra miftiehma skont is-sengħa[48], liema garanzija hi impliċita.[49] Jekk ix-xogħol jirriżulta inutili u l-artefiċi kien jaf ukoll li x-xogħol kien kontra s-sengħa, kienx imissu m'għamilx dak ix-xogħol:

> "Kien ikun aħjar għalih li f'każ bħal dan ma jagħmilx ix-xogħol għax inkella jkollu jirrispondi għad-difetti li jigu 'l quddiem"[50].

Għad illi l-liġi tagħna ftit li xejn titkellem dwar l-obbligi legali tal-appaltatur, ġie stabbilit però fid-duttrina u fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi[51]:

> "*Le obbligazioni dell'appaltatore in ordine alla esecuzione del contratto di appalto altre sono principali o accessorie. Incominciando dalle prime diremo che le medesime riflettono l'obbligo in lui di eseguire le opera conformemente alla speciale convenzione stipulata, od, in difetto di preciza indicazione di questa, in modo approvabile, di garantire la solidità delle opere, di eseguire nel tempo pattuito o in quello congruo da fissarsi, di eseguire coi materiali prescritti, nella quantità prescritta, nel luogo e colla forma indicati.*
>
> *Le obbligazioni accessorie riflettono l'obbligo di sopportare talune spese e prestazioni accessorie, di rispondere dei propri operai, di rispondere verso i terzi dannegiati nella esecuzione, di rispondere infine per l'inosservanza dei regolamenti e delle leggi speciali, di fare e prestarsi a fare tutto ciò che assicuri la migliore esecuzione delle opere, di subire in taluni casi le clausole penali, le ritenute, la esecuzione di ufficio, specialmente in tema di lavori pubblici."*[52]

[48] **Joseph Zarb *vs*. Carmelo Agius,** P.A., 08.02.1957.
[49] **Sancio De Carlo *pro et noe vs.* Emmanuele Cumbo *et***, App. Kum., 06.02.1956.
[50] **Mario Blackman *vs*. Carmelo Farrugia *et noe***, App. Kum., 27.03.1972.
[51] Ikkwotati fis-sentenza tal-Q.A., 19.04.2012, fl-ismijiet **Joe Xerri *et vs*. Caruana & Cini Company Ltd. *et*.**
[52] Marco Vitalevi : *Digesto Italiano, Vol. III., pte. 2a, Torino ,1926 # 79 pag.40.*

Ingħad f'dan ir-rigward mill-Qrati tagħna:

> "l-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skont is-sengħa, u meta hu jissoministra anke l-materjal, dan għandu jirrispondi għall-konsegwenzi kollha skont il-liġi."[53]

Dan għaliex:

> "... id-difett tal-kostruzzjoni jista' jkun mhux biss xogħol ħażin imma anke xogħol esegwit b'materjal ħażin."[54]

Ġie ritenut f'kawża fejn l-appaltatur kien qiegħed jaġixxi kemm kontra l-perit kif ukoll kontra l-kuntrattur rigward xogħol ta' kostruzzjoni:

> "li d-difett fil-kostruzzjoni jew fl-art jikkomprendi anke d-difett fil-materjali wżati fil-kostruzzjoni għax il-bontà tal-materjal tidħol fl-ambitu ta' responsabilità tant fuq l-appaltatur kemm ukoll fejn dan jirrikorri fuq l-arkitett li jkun inkarigat mid-direzzjoni tal-kostruzzjoni. Dan billi l-esekuzzjoni tax-xogħol tinvolvi anke l-għażla tal-materjal u l-appaltatur u l-arkitett ma għandhomx jadoperaw materjali mhux tajba anke jekk is-sid ikun irid li jiġu wżati dawk il-materjali mhux tajba, imma għandhom jirrifjutawhom."[55]

Minn dan l-insenjament jitnissel in linea ta' prinċipju illi:

> "ġialadarba jinkombi b'obbligu fuq l-appaltatur li josserva n-normi ta' indoli teknika fl-esekuzzjoni tal-opra, komprensiv f'dan il-kontroll tal-materjal intiż li jiġi wżat, huwa għandu jastjeni ruħu milli jesegwixxi l-opra jekk ikun deherlu, b'diliġenza ordinarja, illi l-materjal mhux tajjeb jew dan kapaċi 'l quddiem jimmanifesta difetti. F'każ bħal dan

[53] Kollez. **Vol. XLI, Pt.i, pġ. 892.**
[54] Kollez. **Vol. XLI, Pt.i, pġ. 667.**
[55] Kollez. **Vol. XXIX, Pt. I, pġ. 442.**

hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġru 'l quddiem."[56]

Sinifikanti ħafna għall-każ in eżami hija s-sentenza fl-ismijiet **Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi vs. Charles Azzopardi**, fejn ġie ribadit illi:

"Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Farrugia *vs.* Portelli *et*** deċiża fid-9 ta' Ottubru, 1987, 'l-appaltaturi ma jistgħux jeżoneraw ruħhom minn responsabilità għax-xogħol li għamlu kontra s-sengħa fuq torba għasra billi jgħidu li dan għamluh fuq ordni u/jew fuq insistenza tas-sid. L-appaltatur huwa dejjem responsabbli jippresta opra sodisfaċenti u obbligat jirreżisti kwalunkwe intromessjoni tal-kommittenti. Anke kieku s-sidien kienu jafu bit-tqegħid ta' madum fuq xaħx imxarrab għasra u riedu jieħdu r-riskju, l-istess appaltaturi jibqgħu responsabbli għax dover tagħhom li jipprestaw opra sodisfaċenti u jirreżistu kwalunkwe intromissjoni ta' min jinkarigahom; (ara wkoll fl-istess vena, id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta' Jannar, 1992, fil-kawża **Galea *vs.* Chircop** u dik mogħtija minn din il-Qorti fit-18 ta Marzu, 1994, fil-kawża **Bonnici *vs.* Abdilla**). Hekk ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża **Camilleri Marble Works Ltd. *vs.* Bowd**, deċiża fl-20 ta' Jannar, 2003, qalet li kuntrattur għandu jirreżisti kull indħil fix-xogħol tiegħu li jwasslu għall-bini li ma jkunx skont l-arti u s-sengħa."[57]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Tal-Franċiż Construction Limited u Modern Design Limited vs. Angelo Zarb** ġie ritenut illi:

"Jekk, ciononostante, l-appaltatur jeżegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina (**George Cutajar *vs.* Edward Vincenti Kind proprio et nomine**, Qorti tal-Kummerċ, 15 ta' Mejju, 1953). F'qagħda bħal din lanqas ma hu meħlus mir-responsabilità avolja jkun sar il-ħlas tal-

[56] **Mario Blackman vs Carmelo Farrugia *et noe,*** App. Kum., 27.03.1972.
[57] P.A., 03.07.2003.

appalt. Dan għaliex il-verifika u l-approvazzjoni tax-xogħol issir għal finijiet tal-ħlas lill-appaltatur, iżda b'daqshekk dan mhux eżonerat jekk 'il quddiem jiġu riskontrati difetti u mankanzi dovuti għal xogħol ħażin; Dan premess, huwa sew magħruf illi fejn kommittent iħossu insodisfatt bix-xogħlijiet eżegwiti, huma diversi x-xelti ġudizzjali li l-liġi takkordalu għat-tutela tad-drittijiet tiegħu. Ad eżempju, ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt ta' ftehim jew l-eliminazzjoni tad-difetti jew ukoll ta' dawn flimkien purke subordinata waħda għall-ohra. In aġġunta għal dawn, jew anke mingħajrhom, ir-rimedju tar-riżarċiment tad-danni. Tali jinkwadra ruħu fl-ambitu ta' dik ir-responsabilità kontrattwali minħabba inadempiment konkretizzata f'difettti fix-xogħol. Dan hu sew indott mill-Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili li "jistabilixxi l-prinċipji ġenerali applikabbli għal kull xorta ta' obbligazzjonijiet, u jagħti azzjoni għad-danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh" (**Raffaele Mallia *vs.* Francesco Portanier et**, Appell Ċivili, 27 ta' April, 1936). Ma jistax ma jissemmiex ukoll illi l-kommittenti għandu, għal każ fejn id-difetti ma jkunux sostanzjali, id-dritt ta' azzjoni biex jobbliga lill-appaltatur li jirripara d-difetti jew jaċċetta riduzzjoni fil-prezz. Ara **Angelo Busuttil *vs.* Pio Fedele *et***, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' April, 1968 u **John Bonnici proprio *et nomine vs.* Anthony Sammut**, Appell Kummerċjali, 22 ta' Gunju, 1994."[58]

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tagħna, tqis illi l-atturi għandhom id-dritt għar-riżarċiment tad-danni li sofrew, apparti d-dritt għar-rifużjoni tal-pagamenti akkont li huma għamlu lill-konvenut. Barra minn hekk il-konvenut ma jistax jeħles mir-responsabbilità legali tiegħu bħala appaltatur billi jsostni li lill-atturi u lid-*designer* kien avżahom illi biex jilħaq ċertu *finishes* bil-materjal li kellu, kien ser ikollu jimprovizza. Lanqas jista' jeżonera lilu nnifsu mir-responsabbilità billi jsostni li huwa kien mexa konformi mal-*guidelines* tal-prodott, 'il għaliex fir-rigward tal-atturi huwa jibqa' responsabbli għall-materjal li pprovda. Il-konvenut lanqas jista' jaħrab mir-responsabbilità tiegħu bħala appaltatur billi jsostni li tul il-kors tax-xogħlijiet l-atturi ma lmentawx dwar kif kien ġej ix-xogħol jew għax id-

[58] Q.A. (Inf. Għ.), 09.07.2008.

*designer* ma ġibditlux l-attenzjoni dwar ix-xogħol ħażin jew għax l-atturi riedu materjal aktar irħis jew għax kienu atturi li rieduh li jibqa' għaddej bid-*decking* fuq il-ħamrija mingħajr ma ssir bażi tal-konkos. Anki li kieku *dato non concesso* dawn l-asserzjonijiet tal-konvenut kienu minnhom, għad li l-Qorti ma tqisx li x-xhieda tal-konvenut kienet tant kredibbli f'dan ir-rigward, tali fatturi ma jnaqqsu xejn mir-responsabbilitajiet legali tal-kuntrattur appaltatur fil-konfront tal-atturi.

Tqis illi mill-provi prodotti u mir-riżultanzi tal-Perit Tekniku, id-difetti fix-xogħlijiet tal-konvenut ġew ampjament ippruvati.

Tqis li kif jingħad kostantement fil-ġurisprudenza nostrali[59]:

> "Il-Qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi għalhekk ma tarax għaliex ma għandhiex tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta' Ġunju, 1967 fl-ismijiet **Giswarda Bugeja *vs.* Emanuele Muscat *et*** għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu *il giudizio dell'arte* espress mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħitja b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli."

Kif ġie affermat ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Edwin Vella *vs.* Joanna Briffa**[60]:

[59] **John Busuttil et vs. Tapa Limited**, P.A., 11.01.2010, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appel fil-31.05.2013.
[60] 18.10.2006 *per* Imħallef Philip Sciberras.

"... illi l-konklużjonijiet peritali u x-xhieda tal-espert tekniku in eskussjoni jikkostitwixxu prova għall-Qorti (Artikolu 644 tal-Kapitolu 12) u, allura bħal materjali istruttorji oħra huma kontrollabbli mill-ġudikant. Ara **Giswarda Bugeja *et vs.* Emanuele Muscat *et***, Appell Ċivili, 23 ta' Ġunju, 1967. Hu minnu illi l-Qorti ma hix marbuta li taċċetta l-konklużjonijet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha (Artikolu 681 tal-Kapitolu 12), però daqstant ieħor hu wkoll konkordament riċevut u aċċettat illi "dan ma jfissirx illi l-Qorti arbitrarjament u bla raġuni tista' tiskarta konklużjoni ta' perit minnha nominat" (**Anthony Cauchi *vs.* Carmel Mercieca**, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999).

Kif issokta jiġi preċiżat "il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taħt eżami". (**Philip Grima *vs.* Carmelo Mamo *et nomine***, Appell, 29 ta' Mejju, 1998)".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Patricia Pace *et vs.* Alfred Mallia *et***[61] ġie ritenut illi:

"Dwar il-konklużjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawża **Calleja *vs.* Mifsud** irriteniet li:

"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skont il-liġi prova ta' fatt li kellhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra però, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors tal-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in

[61] P.A., 30.09.2010.

materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika."

Din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tvarja l-konklużjonijiet peritali kif rappurtati fil-kompletezza tagħhom aktar 'il fuq, meta l-evalwazzjoni fattwali li għamel il-Perit Tekniku waslitu għal konklużjonijiet tekniċi korretti, li din il-Qorti qiegħda taċċetta u tagħmilhom tagħha.

Illi kwantu għad-danni sofferti mill-atturi, japplikaw il-prinċipji ġenerali tal-obbligazzjonijiet li xorta waħda huma applikabbli f'dan il-każ, u ċjoè dawk li jinstabu fl-artikoli 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili li jistipulaw:

"**1125.** Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni."

u

"**1135.** Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet u tat-tibdil kif miġjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef."

Illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Ogygia Enterprises Limited *vs.* Adolph Baldacchino *et***[62]:

"Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-

[62] Imsemmija anki fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, P.A., 03.05.2011.

> debitur tal-obbligazzjoni)[63]. Kreditur ta' obbligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[64] jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas."[65]

Il-Perit Tekniku Edgar Caruana Montaldo fir-Rapport tiegħu jikkonkludi li l-uniku rimedju disponibbli fil-każ odjern huwa li jinħatt ix-xogħol kollu li sar mill-konvenut u li jerġa' jsir ix-xogħol kollu mill-ġdid u din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tadotta wkoll dawn il-konklużjonijiet peritali. Kif ġie kkonfermat mill-Perit Tekniku fir-Rapport tiegħu, l-istima ta' Brands International tal-ispiża tax-xogħlijiet jekk isiru llum mill-ġdid, hija waħda raġjonevoli. Evidentement biex l-atturi jerġgħu jagħmlu x-xogħlijiet mill-ġdid ikollhom joħorġu aktar milli kienu ser joħorġu li kieku x-xogħlijiet saru sew mill-konvenut, imma dan mhux bil-mod kif ġie kkalkulat mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, fejn mill-istima ta' €19,446.48 naqsu biss is-somma ta' €12,000 mħallsa minnhom akkont li huma qegħdin jitoblu in restituzzjoni. Mill-istima ta' €19,466.48 irid jitnaqqas minnha dak li kienu jħallsu xorta waħda l-atturi lill-konvenut li kieku dan ħadem il-kuntratt tal-appalt kif suppost u ċjoè s-somma ta' €15,639.39.[66] Għaldaqstant biex l-atturi jagħmlu l-imsemmija xogħlijiet illum, ikollhom iħallsu €3,827.09 aktar milli kienu jħallsu lill-konvenut li kieku dan għamel ix-xogħlijiet miftiehma kif suppost. Ma' din is-somma mhu ser jiżdied ebda ammont ieħor għat-tneħħija tax-xogħol tal-konvenut għax din l-ispiża kienet diġà inkluża fl-istima ta' Brands International *a fol.* 268 tal-proċess.

---

[63] Art. 1127 tal-Kap. 16.
[64] **Galea *vs.* Calleja**, P.A., 13.12.1952 (Kollez. Vol: XXXVI.ii.578).
[65] **Petroni *vs.* Petroni *noe*,** Kumm., 13.2.1952**,** Kollez. Vol: XXXVI.iii.629.
[66] Skont l-istima *a fol.* 5.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara illi x-xogħlijiet magħmula mill-konvenut fid-dar tal-atturi huma difettużi, mhumiex skont is-sengħa u l-arti, kif ukoll mhux tal-kwalità pattwita u ma għandhom ebda utilità għall-atturi u jridu jinbidlu u jsiru mill-ġdid;**

**3. Tilqa' t-tieni talba tal-atturi u tiddikjara illi l-atturi kellhom raġuni valida biex jitterminaw il-kuntratt ta' appalt bejhom u l-konvenut kif fil-fatt għamlu permezz tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru, 2014;**

**4. Tilqa' t-tielet talba tal-atturi u tiddikjara illi l-imsemmi kuntratt ta' appalt hu għalhekk maħlul minn dik id-data li l-konvenut ġie notifikat bl-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru, 2014;**

**5. Tilqa' r-raba' talba tal-atturi u tiddikjara illi l-konvenut ma għandux dritt iżomm is-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000) li l-atturi diġà ħallsuh akkont tal-prezz tal-appalt;**

**6. Tilqa' l-ħames talba tal-atturi u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni kollha li l-atturi sofrew u sejrin isofru minħabba**

**l-ħtija tal-konvenut fosthom danni minħabba li l-atturi ser jkollhom jinkarigaw terzi biex jagħmlu x-xogħlijiet li kienu oġġett tal-appalt mal-konvenut;**

**7. Tilqa' s-sitt talba tal-atturi u tillikwida d-danni li sofrew jew sejrin isofru l-atturi li għalihom il-konvenut huwa responsabbli fis-somma ta' tlett elef, tmien mija u sebgħa u għoxrin Euro u disa' ċenteżmi (€3,827.09);**

**8. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-atturi s-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000) li ħallsuh l-atturi u li l-konvenut m'għandux dritt iżomm, u tikkundanna wkoll lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni li għalihom huwa responsabbli l-konvenut fis-somma ta' tlett elef, tmien mija u sebgħa u għoxrin Euro u disa' ċenteżmi (€3,827.09).**

**Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra bonarja tal-1 ta' Ottubru, 2014 u tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru, 2014 kontra l-konvenut.**

Moqrija.